# Il-Ħtieġa tat-Tagħlim ta' l-Ekonomija

Fi ftit snin oħra l-Ekonomija tkun l-aqwa fost ix-xjenzi, jgħid J. M. Keynes. Għaliex? Mniex twieled dan il-ħsieb? Għaliex għandu jkun hekk meħtieġ it-tagħlim ta' l-Ekonomija fiż-żminijiet ġodda? Għaliex naħsbu li kull ma jmur, il-ħtieġa ta' din ix-xjenza għandha aktar tikber u tinħass?

Il-Bniedem wasal fl-aħħar waqfa fil-mixja ekonomika tiegħu. Nistgħu nagħarfu tlitt tarġiet li d-dinja telgħet biex waslet sa fejn hi issa. Fil-bidu naraw il-Bniedem jgħix fir-raħal. Ir-raħal għalih kien biżżejjed. Raħli fl Ewropa bikrija kellu l-ħila jaħseb għal l-ikel, jagħmel daru, ħwejjġu, il-għodda tiegħu. Għalhekk nistgħu ngħidu li raħal f'dak iż-żmien kien għal kollox ħieles minn rħula u pajjiżi oħra.

It-tieni tarġa kienet mita taqsimiet sħaħ bdew jeħdu xogħol wieħed, ix-xogħol li għalih kienu l-aktar mogħtija. Iżda dan it-tqassim ta' xogħol ma setâx jitwassal sa' l-aħħar ta' ħiltu m-ħabba li l-kif ewlieni kien jagħmel il-ġarr ta' xi ħwejjeġ għoli wisq, jew li ma jistâx jkun. Dan iż-żmien tal-kobor ekonomiku kien wieħed ta' bejgħ u xiri ġewwenija. Il-bejgħ bejn pajjiż u ieħor, għalkemm kiber, kien għadu wisq żgħir. L-Ingliterra kienet tixtri ħwawar mil-lvant u ħarir u musulina minn l-Indi. Kienet tbigħ l-iktar suf, maħdum jew le.

Fl-aħħar it-Taqliba Industrjali waslet u magħha l-aħħar waqfa fil-mixi tad-dinja. Tikxif ġdid, tâ setgħa lil kull pajjiż li jħaddem u jsawwar dak li jsib ma' dwaru aktar minn li qatt kien jista', fil-waqt li l-ġarr, sew fuq l-art kemm fuq l-ilma, tħaffef u għalhekk għan it-tibdil ta' xogħol bejn pajjiż u ieħor. Għalhekk fejn qabel ix-xogħol kien jinqasam ġewwa kull pajjiż issa sar jinqasam bejn il-ġnus tad-dinja. L-Ingliterra, qabel it-Taqliba kien ikollha biżżejjed nagħaġ għall-bżonnijiet tagħha tas-suf.Imma, wara, mita bdiet taħdem il-ħwejjeġ tas-suf, mhux għaliha biss iżda għal barra wkoll, sabet li kellha ddaħħal suf minn bnadi oħra, kif tagħmel ukoll għat-tajjar. Hekk naraw li xi pajjiżi jkabbru l-qoton u jrabbu n-nagħaġ u l-Ingliterra, li għandha qagħda u ħtieġa oħra li jixħtuha għal dan ix-xogħol, taħdem l-ilbies.

L-irquqija ta' dan it-tqassim li jitrabba biż-żmien u magħha dak l-irbit ta' pajjiż fuq l-ieħor, huma miġja ġdida għad-dinja. Għalhekk l-Ingliterra, issa, torbot ħafna fuq pajjiżi oħra għal l-ikel tagħha. Tixtri fuq is-sebgħin fil-mija ta' dak li tiekol.

Imbagħad għal dak li hu industrja nħarsu biss lejn id-dħul tal-qoton, suf, żejt (sew ta' l-art kemm tal-ħxejjex), ram, landa u ħwejjeġ oħra, biex nifhmu kif il ħidma fl-Ingliterra kienet tieqaf jekk tinqata' minn l-egħjun barranija.

Dan igħodd ukoll għal pajjiżi oħra u għalhekk ngħidu li l-bejgħ fost il-ġnus daħal fil-ħajja ta' kull art. Biex nifhmu s-sewwa ta' dan il-għajdud inħarsu ftit lejn il-kriżi tad-dinja fl-1929: waqfa fil-bejgħ heddet is-sisien tal-ħajja ma dwar id-dinja.

Nistgħu nifhmu xi ftit għaliex issa l-Ekonomija hi ta' ħtieġa hekk kbira! Qabel it-taqliba, fil-ħedma ma kienx hemm taqsim ta' xogħol. Ma kienx hemm, bħalma l-lum, makna industrjali ħajja, kull biċċa titlob li tinżamm u tinħadem bir-reqqa; jew fehma ta' kredtu hekk mirquma, il-bir, saħansitra, tad-demm ta' l-industrja. Jekk fis-seklu 17 kien hemm xi taqbida jew kiber wisq it-tidjin u għalhekk waqa' l-faqar, in-nisel kien ta' xejn mita jitqabbel ma' dak li ġrajja bħal dawn il-lum kienu jġibu.

Għalhekk mal-kobor tat-taqsim tax-xogħol fost il-ġnus li ġieb miegħu twegħir imkattar fir-riqma tal-ħidma, l-Ekonomija hi dak il-għerf li jurina dak kollu li jmur għall-ħajja tal-Bniedem, u jnebbeħ fina bidu tajjeb biex minnu nħabirku nħaddmu sewwa għall-ġid tagħna dak li jinsab ma' dwarna.

L-egħmil ta' l-Ekonomija u l-ħtieġa tagħha narawhom fil-waqt li nħarsu lejn il-għoqod li dan il-għerf ifittex iħoll. L-ewwel u l-aqwa nsibu it timwiġ fil-bejgħ. Kull xi żmien ikun hemm waqfa fl-industrja u fil-bejgħ tad-dinja kollha. Ix-xogħol jonqos. Il-bejgħ jixtorob sal-ħamsin fil-mija ta' dak li hu s-soltu, fil-waqt li l-faqar u l-qgħad isiru theddida lil ħajjetna. X'inhu t-tifsir ta' dan il-ksur fir-riqma tad-dinja? Hu, forsi, kif igħidu xi wħud, li ma hemmx setgħa xerrejja biżżejjed f'dawk li jridu jixtru, u għalhekk xi sehem tax-xogħol jirtema? Jew hu li dawk li jridu jixtru ma għandhomx flus, fil-waqt li dawk li għandhom il-flus ma jridux jonfqu imma jfaddlu? It-tifsir hux magħqud ma' banek u tidjin?

Issa ħu l-kustjoni tal-qgħad. Mit-Taqbida l-Kbira 'l hawn l-Ingliterra dejjem kellha minn l-inqas miljun qegħdin. U mhux l-Ingliterra biss, imma l-pajjiżi kollha għandhom il-qgħad. Għaliex dejjem magħna dik il-ħolma ħażina tal-qgħad, dejjem tiġri wrajna, qisha trid turina li jonqosha xi ħaġa din il-ħajja l-ġdida tagħna, li xi wħud minna jaħsbu l-ogħla fost ta' l-iżmna kollha?

—Xi ftit igħidulek: "Inrażżnu t-twelid għax aħna mrassin wisq." Oħrajn: "Il-makni qe'd ikabbru l-qgħad." Oħrajn: "It-Trade Unions qegħdin iżommu l-pagi għoljin." "Il-frustieri q'ed ibigħu irħas minna, inżommuhom barra b'tariffa." "In-

waqqgħu l-Kapitaliżmu u jħaddem biss l-istat." "Le, ma ndaħħlux l-istat fejn ma jesagħux."—L-Ekonomiia hija dak il-għerf waħdieni li jista' jgħinna nħollu dawn il-għoqod li ġiebu magħhom iż-żminijiet ġodda.

FRED. AMATO GAUCI.